MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Numru. 449/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**JOSEPH CHETCUTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Chetcuti iben Saviour u Rita nee' Galea, mwieled Pieta' fl-11 ta'Novembru 1974, li joqghod 80, St Vincent Street, Hamrun,u detentur tal-karta ta' l-identita numru 543574 (M) .

Billi huwa akkuzat talli fil-Belt Valletta, f'San Pawl il-Bahar, f'Birzabbuga, u / jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta'Jannar 2004, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jihsru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bil-vjolenza, ikkommetta stupru vjolent fuq il-persuna ta’Omisses, minorenni ta’erbatax –il sena u liema pesuna ma setghatx tirrezizti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal; raguni ohra indipendenti mil-eghmil tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 198 u 201 (1) (b) tal-Kap tal-Ligijiet ta’Malta;

2) B’eghmil zieni, ikkorrompa lill-istess Omisses, u dan bi ksur tal-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

3) Offenda l-pudur jew morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jek f’lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista issib htija fl-imputat ( a fol 166);

Rat il-verbal tat-18 ta’Mejju 2007 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Spettur Calleja (a fol 7 et seq) xhedet illi kien dahal rapport li tifla t’erbatax–il sena Omisses, kienet harbet mid-dar fil-11 ta’Jannar 2005. In segwitu, l-Pulizija rcievet ahbar illi din it-tifla ddahhlet f’*shelter* Ghawdex kif ikkonfermat is-*Social Worker* tal-Appogg Joany Sciberras.

Omisses tkellmet mal-Pulizija u nformathom illi fil-lejl li kienet nieqsa mid-dar, hija ltagqghet ma certu Joseph Chetcuti mill-Hamrun. Din it-tifla, bil-permess ta’missierha

Omisses, kienet ttiehdet l-isptar San Luqa u sussegwentament l-isptar Mounte Carmele.

F'Mounte Carmele, Omisses spjegat lill-Pulizija illi kienet ltaghet ma Chetcuti li kien xufier ta'xarabank, kienu jmorru jiehdu drink f'*bar* f'Marsascala mbaghad kien jkollhom x'jaqsmu flimkien fix-xarabank.

L-imputat fl-istqarrija tieghu, sostna illi kien iltaqa ma Omisses meta kienet din telghet fix-xarabank tieghu fl-24 ta'Dicembru tas-sena 2003. Kienet "***friendly* hafna**," u qabel ma nizlet mix-xarabank talbitu ghall-*mobile number* tieghu u tahulha. Baqghet f'kuntatt mieghu u talbitu jilaqghu. L-imputat stqarr illi Omisses kienet qaltlu illi kienet msawwtha minn missierha u din kienet ir-raguni il ghaliex hadha sax-*shelter* f'Ghawdex.
Spettur Calleja illi kienet ghamlet appuntament ma Dr Joseph Saliba Psikjatra ta'Omisses, u wara konsultazzjoni mal-*legal office* hija harget l-akkuzi odjerni.

L-imputat **dejjem innega** illi kellu kongungament karnali ma din it-tfajla. Giet ezebita l-istqarrija tal-imputat DOK LC1.

Spettur Calleja xhedet illi l-Pulizija wettqu **tfittxija fuq il-*computer* tal-imputat u ma nstab xejn illegali fuq l-istess apparat**.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat ta rakkont lill-Pulizija ta kif iltaqa mat-tfajla Omisses fl-24 ta'Dicembru 2003; kif bdiet tpacpac mieghu; kif talbitu takkompanjah sa Marsa Xlokk; kif talbitu ghan-numru tal-*mobile phone*; kif qaltlu li kellha sbatax -il sena; kif talbitu ghal bewsa qabel ma nizzlet; kif ghamlet jumejn tfittxu fil-venda minkejja li pprova jghidilha li ma kienx xoghol halli jnaffarha minhabba li kienet taht l-eta'.

L-imputat jghid illi ftehmu li johorgu filghaxija u dan bil-permess ta' missierha li gharrfu li kienet taht l-eta. Wara li hadha il *bar Summer Nights* hija qaltlu illi missierha kien jsawwatha u ma rieditx tirritorna d-dar. Huwa ta parir sabiex mmorru jaghmlu rapport lill-Pulizija pero' hija ma

rieditx u wissietu li missierha kien ser iddawwar kollox fuqu. L-imputat sugerrixxa illi tmur ghand ommha pero Omisses rrifjutat. Imbaghad Omisses talbitu biex johodha *Lourdes Home* Ghawdex u hekk ghamel. L-imputat stqarr pero li meta waslu San Pawl il-bahar, ma felahx isuq aktar, raqdu fil-karozza u qabdu il-vapur tal hamsa u nofs ta filghodu (5:00am). L-imputat wassal lill Omisses sal-*Home* u tkellem lis-soru imbaghad **qaghad jistenna barra sakemm il-*Counseller* tkellem lil Omisses**. Omisses baqghet il-*Home* waqt li l-imputat niezel Malta. **L-ghada l-imputat cempel lill Agenzija Appogg biex jistaqsi kienux jafu b'Omisses,u wiegbuh f'affermattiv u tahom it-*telephone number* tieghu tieghu**.

L-imputat **innega** li qatt kellu x'jaqsam sesswalment ma Omisses, **jew li hadilha xi ritratti kompromettenti** taghha biex jzommhom fil-*computer* tieghu. **Nnega li qatt pejjep il-haxixa jew offrilha xi *joint*:"Lanqas naf x'inhuma drogi"** ( a fol 14)
Xhed li hareg ma Omisses darba wahda biss u Omisses qaltlu li saret thobbu u li hu kien wegibha li ma setghetx issir thobb persuna f'temp ta'jumejn.

Ikkonferma illi PC 496 kien cempillu biex ihalli lil Omisses bi kwieta u ma jibghatx messaggi fuq il-*mobile* taghha. L-imputat spjega illi kien beda jircievi messaggi fuq il-*mobile* tieghu minghajr ma kien jaf l-awtur taghhom u li kien rrisponda l-istess messaggi b'talba ghal-identita'tal-awtur.

L-imputat stqarr illi kien pprova jghin din it-tfajla il ghaliex henn ghaliha pero din gidbet fuqu u fuq missierha.

Omisses, omm Omisses (a fol 17 et seq) kkonfermat li riedet tiehu passi kriminali kontra l-imputat.

Omisses kkonferma r-rapport tieghu fl-11 ta' Jannar 2004 meta bintu Omisses ma rretonatx d-dar. Xhed li sussegwentament l-Pulizija infurmawh li bintu kienet instabet u kienet qedgha f'*Lourdes Home* Ghawdex .

Omisses kkonferma li xtaq li l-proceduri kriminali jissuktaw fil-konfront tal-imputat.

Omisses ta’ hmistax –il sena (a fol 22 et seq)  xhedet illi kienet marret tiehu drink ma certu Joseph Chetcuti u dan hadha lejn id-Delimara u abbuza minnha, u ma marritx id-dar ghaliex kienet mwerwra u jkellha rasha rtughha. Omisses xhedet li dan Joseph beda jdawwarha hafna bil-karozza u spiccaw ic-Cirkewwa,u  rikbu il-vapur t’Ghawdex **“ Naf li lanqas kont f’sikkti, kont xurbana,”(** vide a fol 23) Hija xhedet li kienet xorbot il-vodka. Omisses xhedet illi kienet ltaqat mieghu l-Belt u rikbet il-karozza tal-linja tieghu u wara hadha Wied il-Ghajn **“U hemmhekk ukoll rega’ mil-ewwel qisu beda jabbuza minni, hafna tentazzjonijiet.”**Mistoqsija tghid f’xix kien jikkonsisti l-abbuz, Omisses xhedet li l-imputat kien nezzghha beda jmiss il-partijiet privati taghha b’idu imbaghad neza’ hwejjgu kollha ( a fol 26). Omisses xhedet illi hija kienet iltaqghet ma l-imputat xi gimgha qabel ma tellaha Ghawdex (a fol 26).  Hija xhedet illi kienet tinzel miz-Zejtun ghal Belt, u terga taqbad ix-xarabank ghal-Hal Tarxien, biex tmur l-iskola u dan sabiex tkun tista’ tiltaqa mieghu.  Hija xhedet illi m eta wasslet Ghawdex hija kienet mhawwda hafna bhal persuna li tiehu droga. Fil-lejl qabel ma marru Ghawdex l-imputat kien gie ghaliha fit-tmienja ta’ filghaxija z-Zejtun, hadha Wied il-Ghajn,  xorbot xi xorb alkoholiku, u pejpet sigarett. **Affermat li kienet ilha tpejjep sigaretti minn meta kellha tlettax –il sena .**  Aktar tard bil-lejl, l-imputat hadha Delimara u hemmhekk rega abbuza minnha, messha, nehhilha hwejjigha minn zaqqha l-isfel, mess il-parti genitali taghha b’idu u messha bil-parti genitali tieghu (a fol 29).  Omisses xhedet illi hija kellha xokk kbir u l-imputat heddidha biex ma tghid il-hadd u heddidha li ha johodha Ghawdex.  A fol 31 Omisses xhedet illi l-imputat ipprova idahhal il-parti tieghu f’taghha u li hi bdiet twegga’. Hi bdiet tghajjat u fil fatt rnexxielhu **“idahhlu”** ftit. Omisses xhedet illi hija kienet infurmat lill-imputat illi kienet tmur l-iskola u li **fil fatt kienet tiltaqa’ mieghu bl-uniformi tal-iskola**.  Hija xhedet illi l-**imputat beda jqabbadha il-vizzju tas-sigaretti**.  Hija xhedet illi qabel ma marret il-*Home* Ghawdex hija kienet tghix mal-genituri taghha.

Missier Omisses (a fol 41) xhed illi bintu Omisses ma kienitx irritornat id-dar u ghaldaqstant kien ghamel rapport il-Pulizija. Huwa xhed illi dak iz-zmien Omisses kienet tghix man-nanna taghha. Illi wara li mar iffitixiha Wied il-Ghajn u Paceville u ma sabhiex, rega' irritorna id-dar. L-ghada, ha l-ahbar li Omisses kienet *Lourdes Home* Ghawdex. Kien mar ma martu l-Appogg u gew akkompanjati minn *Social Worker* biex jaraw lill binthom li kienet taht xokk kbir. Minn hemmhekk Omisses ttihdet l-isptar San Luqa u sussegwentament ittihdet Mounte Carmele ghaliex bdiet isemmi is-suwicidju. Missier Omisses xhed illi bintu kienet qaltlu li kienu marru go *bar* Wied il-Ghajn, hadu xi drinks, offrilha sigarett u kellu xi tabakk. Minn hemmhekk hadha Delimara u **kellhu x'jaqsam maghha kontra l-volonta taghha**. Wara dan, saqu lejn ic-Cirkewwa rikbu l-vapur u **"holqu xi storja li jiena kont insawwat it-tifla".**

Minkejja illi Omisses kellha *mobile phone,* hija ma bdietx twiegbu, anzi tfit il-*mobile* (a fol 45). Missier Omisses xhed illi meta kienet f'Year 5, Omisses kellha bzonn *facilitator* l-iskola, pero apparti dan, hija kienet studenta li ggib marki medji. In kontro ezami, Missier Omisses xhed illi Omisses marret tghix ghand nannitha sabiex tkun vicin l-iskola Maria Goretti Hal Tarxien. Hija kienet tibqa' ghand nannitha anke fil-*weekends*. Meta kienet tohrog, illi hija kellha tirritorna id-dar fl-ghaxra u nofs ta' filghaxija. A fol 50-51 Missier Omisses **xhed illi Omisses kienet tigdiblu**, u minkejja li kienet tghidlu li sejra post, kien issib li kienet marret banda ohra. Omisses kienet *hyper active*. A fol 52- 53 Missier Omisses xhed illi bintu kienet gidbidlu kemm il-darba, kemm ghal dak li jirrigwarda post illi suppost kienet se tkun; kemm ghal dak li jirrigwarda il-kumpanija tal-hbieb; kif ukoll ghar-rigward tal-attendenza tal-iskola. Minhabba dawn l-problema, Missier Omisses xhed li kien hadha ic-*Child Development Assesment Unit* fejn iddecifraw illi kienet *hyper active* u kellha lil Dr Joseph Saliba bhala il-psikjatra taghha.

Missier Omisses xhed illi parti mill-eghmil problematiku taghha, kienet il-gideb persistenti taghha u ribelljoni taghha. Missier Omisses xhed illi bintu kienet harbet mid-

dar tlett darbiet u kienet giet ritornata permezz tal-assistenza tal-Pulizija. Fit-tieni okkazzjoni meta Omisses kienet naqqset mid-dar, kienet giet abbuzata ukoll. Omisses xhed illi bintu kien ikollha hafna *sim cards* u kienet tircievi hafna messaggi minghand hafna nies, u kien jipprova johodomlha u jkissirhom, fost dawn, kien cemplilha l-imputat. Missier Omisses xhed illi sa fejn jaf hu , Omisses qatt ma kienet iddahhlet go stitut u allura ma jafx kif setghet tkun taf b'*Lourdes Home* Ghawdex. Omisses xhed illi hu kien jaf li Joseph Chetcuti kien qed johrog ma bintu,pero mhux bl-eta tal-imputat. Missier Omisses xhed ( a fol 67) li binthu Omisses kienet ghamlet diversi allegazzjonijiet fuq diversi persuni inkluz fuqu fis-sens li allegatament kien sawwatha. Bintu allegat li nannitha (ta' hamsa u sebghin sena) abbuzat minnha. Illi dawn l-allegazzjonijiet kienu serji hafna u hu kien irrabja hafna ma bintu u urieha li kienet gabet ruhha hazin. Missier Omisses xhed illi huwa kien biddel l-iskola ta'bintu fuq parir tas-*Social Worker* tal-Appogg.

PC 960 Pierre Vassallo (a fol 78) ikkonferma l-istqarrija tal-imputat. PC Vassallo xhed illi Omisses kienet tkellmet ma xi *Social Workers* f'Mounte Carmele fil-prezenza tieghu. Xhed illi Omisses qalet li kienet ippartecipat f'relazzjonijiet sesswali mal-imputat bil-volonta taghha pero dak iz-zmien hija kienet marida mentalment skond il-parir tal-Psikjatri. Kkonferma li qaltilhom li kienet xorbot xi sitta *vodka* , li ridet tikkommetti suwicidju ghaliex kienet mdejjqa id-dar. PC Vassallo xhed illi Omisses **kienet gidbet li kienet qedgha tigi abbuzata mill-genituri taghha u minn nanna taghha u qaltilhom li wettqet dawn il-gideb ghaliex ridet tahrab mid-dar**. PC Vassallo xhed illil kienet saret tfittxija fix-xarabank u fir-residenza tal-imputat u giet elevata *camera* tar-ritratti minn fuq ix-xarabank. Kienet saret ukoll tfittxija fuq il-*mobile phones* tal-imputat u Omisses u **ma kien instab ebda ritratt indicenti**.

Dr Joseph Spiteri ( a fol 84) xhed illi l-Psikjatra ta'Omisses kien Dr Joseph Saliba .

Dr. Joseph Saliba ( a fol 86) xhed illi Omisses kienet pazjenta tieghu, mit-12 ta'Lulju 2003, fic-*Child Guidance Unit*, minhabba l-imgieba hazina, dizubidjenza u *sexual promisquitiy.* Fil-bidu id-dijanjuzi taghha ma kienitx cara u giet meqjusa bhala *conduct disorder* pero ftit wara deher illi kien hemm bidu ta'mard ta'Psikozi u fil fatt zfolgiet fi Skizofrenija fejn il-pazjent ikun ibati minn certi delluzzjonjiet li m'ghadhomx bazi fir-realta u f'imgieba imprevedibbli.

Fi Frar 2004 Omisses kienet giet il-quddiem: **" Meta nigu ghal kemm hija ghandha kuntatt mar-realta, f'ahhar meta kienet pjuttost gewwa Mounte Carmele kien hemm zmien fejn imbaghad kienet tihhallucina pero dak il-perjodu kien pjuttost qasir."** (vide a fol 89) Dr Saliba xhed illi Omisses **kienet taf tqarraq b'dak li jkun**. Dr Saliba xhed illi **jkun zball** kemm il-darba wiehed jasal **ghal-konkluzzjoni illi kull ma kienet tghid din it-tifla, kien gideb**.

In kontro ezami Dr Saliba xhed huwa wasal ghad-dijanjozi finali ta'Skizofrenija meta Omisses ghalqet l'erbghatax-il sena. Dr Saliba xhed illi Omisses kienet ghamlet allegazzjonijiet fuq *Occupational Therapist* li fil fatt sabu li kienu infondati. Saru diversi allegazzjonijiet fuq persuni ohra mhux necesarjament dwar abbuz sesswali izda ried opportunita sabiex jistudja l-*file* u biex jkun jista jiddeponi fuqhom.

*Nurse* Marion Saliba *incharge* minn *Young People's Unit*, xhedet li Omisses kienet tghid **illi "gieli marret ma xi hadd, <u>jigifieri kienet tghid hafna affarijiet</u>"** (a fol 99), pero fil- kaz in **ezami ma kienitx tat dettalji u kienet tgerfex, u ma kienx ikun hemm konsistenza**. *Nurse* Saliba xhedet illi Omisses kienet semmitilha xufier. In kontro ezami hija affermat illi Omisses **ma kienitx tista' tapprezza id-differenza bejn il-verita u l-gideb u kienet taghti diversi verzjonijiet tal-istess haga.** ( a fol 101).

Ruth Sciberras (a fol 103) ***Manager Child Services*** ikkonfermat illi kien hemm diversi *referrals* fuq din it-tifla : kien hemm allegazzjonjiet ta' abbuz fiziku da parti tal-genituri ; abbuz fiziku da parti tan-nanna; u abbuz

sesswali da parti ta' missierha. Sciberras ikkonfermat illi Joseph Chetcuti kien cempel fuq is-*support line* taghhom u kien infurmahom li tella' lill-*girlfriend* tieghu Ghawdex ghaliex kienet allegat li l-genituri taghha kienu abbuzawha. **Ikkonfermat il-*concern* tal-imputat fuq din it-tifla**. Sciberras xhedet illi meta Omisses ingiebet Malta **ma kienitx tidher li kienet f'sensiha, u ma kienitx koerenti**, u bdiet tallega li **nannitha kienet taghta xeba' cinturin u hallietha bil-guh**. Sciberras ikonfermat illi kienet tkellem spiss lill-imputat fuq it-*telephone*. Sciberras ikkonfermat li **missier Omisses fil fatt kien kellem lil Joseph Chetcuti qabel dan hareg lill-bintu u tah hin** biex jirritorna lill-bintu ghand nannitha ( a fol 107). Sciberras xhedet illi Omisses qalet lis-*Social Worker* t'Ghawdew li **missierha kien ilu jabbuzha sesswalment minn mindu kellha erba' snin**.

Antonella Mizzi (a fol 109), ex-impjegata mal-Agenzija Appogg ikkonfermat li kienet rat lill-Omisses f'Settembru 2003, wara li nannitha kienet ghamlet rapport fuq abbuz fiziku fuq l-istess tifla minn ommha Omisses. **Mizzi xhedet illi ma kienet rat ebda tbengil fuq Omisses.**

Spettur Louise Calleja ezebit certifikat tat-twelid ta'Omisses (a fol 130).

Joanie Sciberras (a fol 147) *Social Worker* Ghawdex ikkonfermat li kienet kellmet lil Omisses li qaltilha li ma riditx tirritorna id-dar minhabba trattament hazin tal-genituri taghha. Ikkonfermat li Omisses kienet giet eskortata minn Joseph Chetcuti. Ghal rigward ta' l-esperjenzi li setghu graw, **Omisses ma qaltilha xejn**. Mitluba tiddesrivi l-attegjament ta'Omisses fuq Chetcuti :**"Le le dak il-hin ta' habib rajtha, u ikkonfermat li kienet bezghana minhabba missierha, u l-attegjament taghha ma l-imputat kien ta' hbiberija"** (a fol 148). Sciberras fehmet li Chetcuti kien ikkomporta ruhu b'mod gentili ma Omisses. Ikkonfermat illi l-allegazzjoni da parti ta' Omisses fuq abbuz sesswali minn missierha. Ikkonfermat illi meta Omisses ittiehdet ghand it-Tabib Dr Patrick Sciberras, dan wasal ghal- konkluzzjoni li Omisses kienet tirrekjedi Psikjatra.

Omisses (a fol 178) , irrinunzjat ghal-azzjoni kriminali u kkonfermat illi hija kellha kongungiment karnali qabel ma Joseph Chetcuti, u dan sehh meta hija kellha hdax -il sena. Omisses xhedet illi hija kienet regghet harget ma Joseph ghat-tieni darba ghaliex riedet tahrab mill-problemi li kellha id-dar.

Omm Omisses ma setghetx tiftakar jekk kemm il-darba, bintha Omisses kellha hdax –il sena meta harbet mid-dar l-ewwel darba. Ikkonfermat il-problema psikjatrici illi kellha bintha.

L-imputat Joseph Chetcuti ikkonferma l-istqarrija tieghu wara li din giet moqrija lilu u xhed illi kien ilu jaf lill Omisses erbghat ijiem biss qabel l-incident meritu tal-akkuza. Izda wara dan il-kaz, huwa sar jaf hafna affarijiet dwar din it-tifla minn fuq il-gazetti u l-mezzi tax-xandir u jidher illi Omisses kienet harbet diversi drabi mid-dar. Kien sema' biha anke minn fuq il-programm Xarabank. L-imputat xhed illi Omisses kienet qaltlu li missierha kien jabbuzha. L-imputat xhed illi sar jaf illi missier Omisses kien mizzeweg darbtejn u li Omisses kellha t-tfal fil-mori tal-kawza. **Ikkonferma bil-gurament illi huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma Omisses fl'ebda hin**. Sostna ukoll illi qatt ma mess il-parti privati ta' din it-tifla u kien biss biesha fuq talbha taghha. Ikkonferma li kien raqad fil-karozza ix-Xemxija ghaliex kien ghajjien u ma felahx isuq aktar. Ikkonferma li Omisses kienet qaltlu li xebghet minn hajjitha u bdiet issemmielu d-droga.

L-imputat xhed illi hadd mill-genituri ta'Omisses, wisq anqas Omisses, ma kellmuh bejn id-data tal-incident u l-bidu tal-proceduri. Huwa kkonferma li l-Pulizija ssekwestraw l-*computer* u l-*mobile phone* tieghu u ma sabu ebda ritratt ta'Omisses, ghaliex huwa qatt ma gibed ritratt taghha.

In kontro ezami l-imputat jghid illi huwa kien issib lill-Omisses fuq ix-xarabank tieghu, il ghaliex kienet taqbad tiftah il-bieba u titla. Kienet hi li tmur tfittxu. L-imputat xhed illi Omisses kienet qaltlu illi kellha sbatax -il sena.

Huwa kkonferma illi qatt ma kien jaf li Omisses kienet imfittxija mill-Pulizija qabel ma sar jafha. L-imputat ikkonferma li huwa hareg ma Omisses bil-kuntentezza ta' missierha li kien cempillu u tah il-hin li fih kellu jirritorna lill-bintu. L-imputat xhed illi huwa kien ghamel gurnata xoghol u meta Omisses ma riditx tirritorna lura id-dar, huwa saq sax-Xemxija imma eghlbu in-nghas u raqad fil-karozza. Qabdu l-ewwel vapur u kellem lis-soru tal-*Home* f'Ghawdex. Din cemplet lill-*counsellor* u marru jkellmu lill-Omisses izda hu qaghad jistenna barra. Minn wara l-bieb, huwa sema' lill-Omisses tghid lill-*counsellor* li missierha kien sawwatha u abbuzaha. L-imputat xhed illi huwa qatt ma induna illi kien hemm xi haga mhux f'lokha f'Omisses. L-imputat xhed illi ma kienx kiseb l-*O'Levels* u lanqas ma kien spicca l-Iskola tas-Snajja. L-imputat afferma illi huwa qatt ma kecca lill-Omisses meta kienet tfittxu il-Belt fuq tal-linja, u kien sempliciment hadha tiehu *drink*.

Marica Mifsud ezebit DOK MMX sentenza Pulizija vs Brian Borg Piscopo datata 13 ta' Gunju 2003.

Spettur Louise Calleja ikkonfermat illi kienet ilha taf lill Omisses ghal diversi snin il ghaliex kienet tahrab u tigi rappurtata bhala persuna nieqsa mid-dar. Mitluba tghid jekk kienitx konxja tas-sentenza Pulizija vs Brian Borg Piscopo, Spettur Calleja wiegbet illi ma kienitx l-ufficjal prosekutur f'dak il-kaz. Spettur Calleja xhedet illi hija kellha kawza ohra apparti l-kaz ta' kontra l-imputat inizjata fuq allegazzjonjiet ta' Omisses. Spettur Calleja xhedet illi Omisses kienet tbati minn Skizofreniza skond id-dijanozi ta' Dr Saliba.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi fuq elenkati, huwa car illi il-kaz odjern jippernja fuq l-credibilita tax-xhieda ewlenin.

Din il-Qorti gharblet il-provi fuq il-linji gwida elenkati fl-Artikolu 637 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta. Fil-kors ta' dan l-ezami, il-Qorti sabet illi t-testimonjanza tal-minuri Omisses ma tistghax titqies bhala affidabbli u dan ghad-diversi ragunijiet hawn taht elenkati:

1) Ir-rakkont tal-minuri Omisses huwa mankanti ghall-ahhar minn dak il-livell ta’dettal li jaghti sens ta’ realta’ tal-esperjenza. Ir-rakkont kien ugwalment mankanti minn kull emozzjoni tant illi r-repetizzjoni tal-esperjenza, ma qanqlet fil-minuri, ebda sens ta’ biza, agitazzjoni jew ansieta’.

2) Ir-rakkont tal-minuri ma kienx koerenti fis-sens illi l-minuri tibda tirrakonta dak li suppost gara fil-lejl tal-11 ta’ Jannar u fl-gheluq ta’ dan ir-rakkont, il-minuri tasserixxi illi kienet qed talludi ghal-ewwel okkazzjoni li ltaqghet mal-imputat – u cioe gimgha qabel l-11 ta’Jannar (vide a fol 23 sa 26).

3) Apparti l-mankanza ta’dettal, emozzjoni u coerenza, r-rakkont tal-minuri huwa inkonsistenti mal-informazzjoni li l-istess minuri tat lil Pulizija, lill professionisti, u lill genituri taghha a tempo vergine. Hekk per ezempju missier Omisses jafferma (a fol 44) li l-attivita sesswali sehhet kontra il-volonta ta’ binthu;
Ghall- kuntrarju, PC 960 Pierre Vassallo xehed illi l-minuri affermat mas-social workers li r-relazzjonijiet sesswali ma` l-imputat kienu volontjeri (vide fol. 79). Illi di piu` Omisses m’ ghamlet l-ebda allegazzjoni ta` mgieba skorretta da parti ta` l-imputat mas-social worker ta` Ghawdex Joany Sciberras (vide fol. 147 u 148); anzi **“l-atteggament taghha ma` l-imputat kien ta` hbiberija.”.**

Hekk perezempju l-minuri l-ewwel tafferma li kienet ilha tpejjep is-sigaretti minn meta kellha tlettax – il sena, mbaghad issostni illi l-imputat kien qabbadha l-vizzju tas-sigaretti.( vide a fol 26-29)

L-istess manjiera il-minuri tasserixxi li kienet tghix mal-genituri taghha izda hareg car illi kienet ilha tghix ma nannitha ghal zmien konsiderevoli qabel l-incident. Dawn huwa ftit ezempji tal-inkonsistenzi fit-testimonjanaza tal-minuri.

4) Apparti l-inkonsistenzi sgarganti, jirrizultaw fatti asseriti mill-minuri li gew xjentifikament imxejna minn

provi ohra tal-Prosekuzzjoni: hekk per ezempju Omisses asserit li l-imputat kien ta d-droga Canabis; li kien gibed ritratti ndicenti taghha u zammhom fuq il-*computer* tieghu. Eppure it-tfittxija intensiva mwettqa b`mod immedjat mill-Pulizija, fir-residenza ta` l-imputat, fix-xarabank u fil-vettura tieghu, bil-konsegwenti elevar tal-*camera* u l-*computer* tieghu, tat rizultat negattiv ghall-prezenza ta` kull xorta ta` droga; negattiv ghar-ritratti ndicenti tal-minuri; negattiv ghall-pornografija tat-tfal.

5) Jirrizulta mill-provi li Omisses kienet ghamlet diversi allegazzjonijiet serji fuq ghadd konsiderevoli ta` nies fosthom:
a. Li missierha abbuza minnha sesswalment minn mindu kellha erba' snin;
b. Li missierha abbuzha fizikament;
c. Li ommha abbuzata fizikament;
d. Li nannitha ta' hamsa u sebghin sena, tatha xebgha cinturin u hallitha bil-guh;
e. Li *occupational therapist* abbuzha.

Dawn l-allegazzjonijiet jidhru li kienu infondati

6) Il-professjonisti li ezaminaw jew kienu involuti fil-kura tal-minuri Omisses xehdu b`mod l-aktar kawt u affermaw li Omisses kienet tifla li taf tigdeb: **"Kienet tgerfex u ma kienx jkun hemm konsistenza"**
( vide testimonjanza ta' nurse Marion Saliba a fol 99 sa 101).

Dr Saliba psikjatra afferma li Omisses kienet taf li: **"qed tqarraq bik, tghid li sejra hemm pero minflok tmur hemm"** ( a fol 89), ghalkemm asserixxa li dan ma jfissirx likull ma tghid il-minuri kien kollu gideb.

In kuntrast ta' dan kollu hemm l-istqarrija tal-imputat konfermata mit-testimonjanza tieghu quddiem din il-Qorti. L-istqarrija tal-imputat hija riflessjoni tal-imputat u tal-ingenwita tieghu. Din l-ingenwita jew naivete, giet mtennija fil-kors tat-testimonjanza tal-imputat li uriet l-livell ta' intelligenza, u livell ta'edukazzjoni tal-imputat, kif ukoll il-karattru timidu u mans tal-imputat li huwa ghall-kollox

nieqes minn dak l-element ta’ malizzja necessarja li jghakkes id-dghajjef u l-vulnerabbli.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuza ta’ stupru vjolenti ai termini tal-Artikolu 198 tal Kap 9 ma tirrezultax mhux biss ghad-diversi ragunijiet fuq elenkati fejn allura il-Qorti ma tistax serenament tistrieh fuq it-testimonjanza tal-minuri, izda ghaliex l-istess minuri **ddikjarat illi ir-relazzjonijiet sesswali mal-imputat kienu ghal kollox volontieri u dan fil-prezenza ta’ Social Workers u PC 960**.

Illi l-anqas ma jissustissu ic-cirkostanzi mahsuba fl-Artikolu 201 (b) tal-Kap 9 il ghaliex minkejja il-marda mentali serja tal-minuri u cioe l-**Iskizofrenija** , l-istess minuri giet certifikata mill-Psikjatra taghha bhala ***“fit to attend court and fit to plead / testify”***(vide DOK LC a fol 16). Di piu fit-testimonjanaza ta Dr Saliba jirrizulta illi din il-minuri minkejja l-marda taghha, baqghet fil-kuntatt mar-realta (vide a fol 93) ghandha hazen bizzejjed biex tqarraq b’dak li jkun (vide a fol 89). Ergo kapaci “tirrezisti”.

Illi fil-konfront tal-reat ta’korruzzjoni ta’minorenni u reat ta’ offiza fuq il pudur, din il-Qorti tqis illi l-verzjoni tal-minuri m’hijiex affidabbli, hija nieqsa mil-fattizzi tal-verosimiljanza u ghalhekk il-Qorti takkolji ix-xhieda tal-imputat li emmen l-allegazzjonijiet serji li ghamlet fuq missierha, henn ghaliha, ghena billi ikkonsejha f’shelter tas-sorijiet Ghawdex u hallas bil-qares ghal hniena u ghal generozita tieghu.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib l-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------